**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum il-Hamis, 17 ta' Dicembru, 2015**

Numru 4

**Rikors Guramentat Nru. 1090/2015**

**Banif Bank (Malta) plc**

**vs**

**Gulf Fisheries Ltd. bhala l-kumpannija debitrici u Carmelo Grech, Maria Dolores Grech, Darren Grech u Ian Mark Grech, ilkoll bhala garanti in solidum mal-kumpannija debitrici**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-bank attur tat-18 ta' Novembru 2015 li jghid hekk:

1. Illi l-kumpannija attrici hi bank kummercjali licenzjat taht il-Ligijiet ta' Malta biex fost l-ohrajn issellef flus lill-klijenti taghha;

2. Illi l-kumpannija debitrici hija klijenta tal-kumpanija attrici;

3, Illi l-kumpannija debitrici hadet self (Business Loan) ta' mija u wiehed u tmenin elf ewro (€181,000) minghand il-kumpannija attrici sabiex seta' jsir re-scheduling ta' dejn precedenti u dan ai termini tal-Credit Agreement datat it-23 ta' Lulju 2012 (ara Dok. 'A') u l-kuntratt maghmul fl-atti tan-Nutar Dr. Tonio Cauchi datat 22 ta' Ottubru 2012;

4. Illi l-ammont dovut fuq dan is-self, tela' ghal mitejn u disat elef, mija u disgha u hamsin ewro u sebghin centezmu (€209,159.70), bl-imghaxijiet inkluzi mahduma sat-2 ta' Novembru 2015, u jikkoncerna loan account numru 11142271002 (ara Dok. 'C);

5. Illi in oltre, il-kumpannija debitrici ghandha mal-kumpannija attrici Current Account numru 11142210001 (ara Dok. 'D') u fuq dan iI-kont, hemm dovuti elfejn, mija u wiehed u sebghin ewro u tlett centezmi (€2,171.03), bl-imghaxijiet inkluzi mahduma sat-2 ta' Novembru 2015 (ara Dok. 'E'). Dan l-ammont jikkonsisti fi spejjez bankarji relatati mas-self fuq imsemmi;

6. Illi in vista tas-suespost, l-ammont komplessiv dovut mill-kumpannija debitrici lill-kumpannija attrici, hu ta' mitejn u hdax-il elf, tlett mija u tletin ewro u tlieta u sebghin centezmu (€211,330.73);

7. Illi dan l-ammont sar dovut kollu lill-kumpannija attrici
i. kwantu l-Business Loan, ai termini tal-artikolu 9(o) tal-Credit Agreement marbut mal-Loan Account fuq imsemmi, ghax sehhew wahda jew aktar mill-events of default, partikolarment, izda mhux esklussivament:
"a) Default by the Borrower/s in the payment of any amount of principal, interest, fees, charges due for payment in the manner stipulated in the agreement regulating the Facility,
b) The Borrower/s committing any other breach of or omitting to observe any other of the obligations and undertakings as expressed to be assumed by it in the agreement regulating the Facility,
n) Any other event which in the Bank's reasonable opinion gives grounds for belief that the Borrower/s may not perform all or any of the obligation/s under or otherwise comply with the terms of the agreement regulating the Facility";

ii. kwantu l-Current Account fuq imsemmi, ai termini ta' artikolu 5 tat-Terms and Conditions (ara Dok. 'F') u ta' artikolu 6 tal-Conditions of Use (ara Dok. 'G') marbuta mal-istess Current Account;

8. Illi l-ammont fuq imsemmi hu wkoll dovut lill-kumpannija attrici mill-konvenuti l-ohra Carmelo Grech, Maria Dolores Grech, Darren Grech u Ian Mark Grech stante li dawn dahlu bhala garanti in solidum mal-Kumpannija debitrici ghall-ammont kollu dovut, permezz ta' kuntratti f'dak ir-rigward (ara Dok. 'H', Dok. 'I' u Dok. J);

9. IIli l-kumpannija attrici ttentat tinterpella lill-konvenuti diversi drabi biex ihallsuha l-ammont dovut, fosthom permezz ta' ittri legali datati 3 ta' Mejju 2012 u 25 ta' Gunju 2013 u ittra ufficjali datata 3 ta' Marzu 2014 (ara Dok. 'K', Dok. 'L' u Dok. 'M' rispettivament), izda dawn baqghu inadempjenti;

10. Illi l-kreditu tal-konvenuti huwa cert, likwidu u dovut u l-istess konvenuti ma ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu f'dan ir-rigward kontra t-talbiet attrici;

11. Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur tal-artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq premessi, il-kumpanija attrici titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. taqta' u tiddeciedi dina l-kawza bid-dispensa tas-smigh, ai termini tal-artikoli 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. tiddikjara li l-konvenuti saru solidalment bejniethom, debituri tal-kumpannija attrici fl-ammont ta' €211,330.73;

3. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu solidalment bejniethom lill-kumpannija attrici l-ammont ta' €211,330.73;

Bl-ispejjez, bank charges u fees u bl-imghaxijiet mit-2 ta' Novembru 2015 sad-data tal-pagament effettiv.

Il-bank charges u fees qed jintalbu ai termini tal-Credit Agreement msemmi f'din il-kawza u t-Tariff of Charges relattivi ghall-Current Accounts (ara Dok. ‘N’), liema dokumenti tqiesu li saru japplikaw ghall-konvenuti appena gew koncessi l-facilitajjiet bankarji minghand il-kumpannija attrici.

L-imghaxijiet qed jintalbu bir-rati segwenti:
1. hdax fil-mija (11%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq Loan Account numru 11142271002 imsemmi aktar 'l fuq (ara Artikoli 5 u 9(s) tal-Credit Agreement markat Dok. 'A'), u

2. ghaxra fil-mija (10%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq Current Account numru 11142210001 imsemmi aktar 'l fuq (ara marker bl-orangjo fuq Dok. 'N').

Il-konvenuti huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni u dan b'rizerva ghal kull dritt iehor spettanti lill-kumpannija attrici fil-konfront tal-istess konvenuti.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tas-socjeta attrici;

Rat in-nota ta’ ammissjoni tad-9 ta’ Dicembru 2015 fejn il-konvenuti ammettew it-talbiet attrici kif dedotti fir-rikors promotur.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti qed tiddisponi mill-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lil konvenuti solidament ihallsu lil bank attur is-somma ta' ta' mitejn u hdax-il elf, tlett mija u tletin ewro u tlieta u sebghin centezmu (€211,330.73) rapprezentanti self (Business Loan) skond Credit Agreement tat-23 ta' Lulju 2012 u l-kuntratt datat 22 ta' Ottubru 2012, flimkien mal-bank charges, fees u imghaxijiet mit-2 ta’ Novembru 2015 sad-data tal-effettiv pagament u bir-rata ta’ imghax kif imsemmija fir-rikors promotur. Spejjez ghall-konvenuti.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur